**Parlament Ewropew**

2014-2019

**0057/2016**

6.6.2016

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-iskema ta' migrazzjoni tal-Karta l-Blu tal-UE

**Deirdre Clune (PPE), Claudia Țapardel (S&D), Markus Pieper (PPE), Marian-Jean Marinescu (PPE), Salvatore Domenico Pogliese (PPE), Marian Harkin (ALDE), Yana Toom (ALDE), Renate Weber (ALDE), David Casa (PPE), Brian Hayes (PPE)**

Data ta' skadenza: 6.9.2016

**0057/2016**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-iskema ta' migrazzjoni tal-Karta l-Blu tal-UE**[1]

1. L-iskema ta' migrazzjoni tal-Karta l-Blu hija opportunità biex jiġu legalizzati l-flussi migratorji lejn l-Unjoni Ewropea u biex tiġi stabilizzata l-ekonomija tal-UE u l-etajiet tal-popolazzjoni tagħha u tal-forza tax-xogħol tagħha.

2. Fl-2015 aktar minn miljun migrant daħlu fl-UE. Ħafna minnhom huma motivati, għandhom ħiliet u huma multilingwi. L-UE għandha timmira li tiġbed u żżomm lil dawn il-ħaddiema mħarrġa sew.

3. Huwa mbassar li sal-2060 se jkun hemm żewġ persuni tal-età tax-xogħol għal kull persuna akbar minn 65 sena, inqas mill-ammont attwali ta' erbgħa. Għandha tittieħed azzjoni immedjatament biex jiġi evitat żbilanċ fis-suq tax-xogħol.

4. Id-Direttiva dwar il-Karta Blu (2009/50/KE) kienet estremament limitata fl-impatt tagħha fuq iż-żamma ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet. Inħarġu biss 3 664 Karta Blu fl-2012, u 15 261 fl-2013.

5. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna jikkunsidraw li jkomplu jespandu u jiffaċilitaw inizjattivi li jkopru s-setturi kollha tal-impjieg, filwaqt li titqies il-possibilità ta' ċentri tal-applikazzjoni speċjalizzati fil-pajjiż. Għandu jiġu prijoritizzat trattament indaqs fl-aċċess għall-impjiegi u l-edukazzjoni.

6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.